# VICTORIA SCOUT GROUP

*Sta Domenica Street, Victoria, Gozo.*
*Tel: 21 55 64 97*

## Ċirkulari lill-Ġenituri - Kamp tas-Sajf 2018

29 ta' Ġunju 2018




Nixtieq ninfurmakom li l-kamp annwali tas-sajf din is-sena ser isir id-Dwejra f'dawn id-dati.

**Cub Scouts (Seeonee u Saturday Pack) – Mit-Tnejn 20 ta' Awwissu sa nhar l-Erbgħa 22 ta' Awwissu. Il-ħlas ser ikun ta' €21.**
**Scouters, Venture Scouts u Scouts – Mill-Sibt 18 ta' Awwissu sal- Ġimgħa 24 ta' Awwissu. Il-ħlas ser ikun ta' €49.00.**
Il-ħlas ikopri spejjeż tal-ikel, kiri tal-mobile toilets, ilma għax-xorb u ilma għall-użu ieħor, petrol u spejjeż oħra relatati mal-kamp.

L-applikazzjonijiet għal dan il-kamp flimkien mal-Health Form jinġabru mill-Headquarters u jridu jiġu rritornati lura flimkien mal-ħlas **sa nhar is-Sibt 14 ta' Lulju**. **Ma jiġux aċċettati applikazzjonijiet wara din id-data.Minħabba impenji oħra tal-leaders, il-closing date ta' din is-sena se tkun iktar kmieni mis-soltu. Jekk jogħġobkom, ikkooperaw magħna.**

**IMPORTANTI: Mal-applikazzjonijiet tal-kamp, jekk jogħġobkom niżżlu jekk it-tifel tagħkom jafx jgħum jew le.**



Il-ġenituri huma avżati wkoll li l-*campers* ma jkunux jistgħu jħallu l-kamp mingħajr il-permess tiegħi, liema permess irid jintalab minn qabel. Importanti wkoll li dan isir għal raġunijiet validi. Nixtieq navżakom ukoll li intom tistgħu żżuru l-kamp fil-lejl ta' meta jkollna **l-BBQ u l-Campfire**. Dan ser isir nhar l-Erbgħa 22 ta' **Awwissu.** Dwar dan il-BBQ nerġgħu ninfurmawkom b'ċirkulari oħra iktar 'il quddiem.

Min ikollu xi diffikultà dwar il-kamp huwa mitlub li jkellem lili billi jċempilli fuq mobile 79 555 844. Inselli għalikom.

Lorrie Saliba
Group Scout Leader